**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH**

**Seduta tal-5 ta' Ottubru 2018**

**Kumpilazzjoni Numru 558/2018**

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CHRISTABELLE CHETCUTI**

**KONTRA**

**PAUL SCICLUNA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra; Paul Scicluna detentur ta' karta ta' l-identita' numru 448079(M), li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghas-segwenti imputazzjonijiet u cioe':

*Talli matul il-jum tas-26 ta' Frar 2018 minn stabbiliment bl-isem ta' Beijing Chinese Restaurant sitwat fi Triq id-dahla ta' San Tumas, Marsaskala f' dawn il-gzejjet Maltin*

*1)Ikkommetta serq ta' hames (5) cilindri tal-fas li jammontaw ghal EUR 250 ghad-dannu ta' Michael Lungaro, liema serq huwa aggravate bil-mezz u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmi (EUR 2, 329.37c);*

*2) U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 289, 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b' sentenzi moghtija mill_Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.*

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 31 ta' Awissu 2018 (ezebit a folio 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sar waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2018 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha sureferita.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli 20, 49, 50, 261 (b), 261 (c), 264 (1), 267, 278 (2), 279 (a), 280 (2) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f' dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat huwa recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali mhux nadifa u kien gia' nstab hati fuq serq.

Ghalhekk il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi, piena karcerarja tkun l-aktar piena idoneja.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 20, 49, 50, 261 (b), 261 (c), 264 (1), 267, 278 (2), 279 (a), 280 (2) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Paul Scicluna hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija.**

**Magistrat** **Deputat Registratur**